# MINUTI

## KUNSILL LOKALI FONTANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 68**

**Il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024**

Saret il-laqgħa b' urġenza tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar il-Ħamis, 7 ta' Marzu 2024 fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier

**Assenti:** Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-sur Jonathan Ċefai – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



S.Borg

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**68.1 Talba;**

68.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**68.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;**

68.2.1 Il-Kunsillier Horace Micallef verbalment talab sabiex jiġi skużat. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

68.2.2 Il-Kunsillier Jonathan Cefai bagħat emejl fejn talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa. Il-Kunsill aċċetta din l-apoloġija.

**68.3 *Safety Flooring* fil-*Playing Field*;**

68.3.1 Is-Sindku qal illi sejjaħ din il-laqgħa b'urġenza sabiex il-Kunsill jiddeċiedi dwar il-bażi li trid issir taħt is-*safety flooring* fil-*Playing Field* li ma kienx parti mill-offerta;

68.3.2 Il-proġett tal-*Playing Field* wasal fl-aħħar fażi u jonqos biss it-tqegħid tat-tapiti. Il-Kunsill talab kwotazzjoni mingħand l-istess kuntrattur li ser jagħmel is-*safety flooring* sabiex ma jkunx hemm telf ta' żmien. Il-kuntrattur ikkwota l-prezz ta' €40 + Vat għat-tqegħid ta' materjal ta' taħt it-tapiti. Is-Sindku qal illi l-kuntrattur niżel għal dan il-prezz wara li talbu biex jirrevedi l-ammont li oriġinarjament kien ikkwota ta' €45 + Vat.

68.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament li jipproċedi b'din il-kwotazzjoni għall-ammont ta' €8,165.60 (Vat inkluż). Il-Kunsill qabel illi jitlob permess mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għal din l-addizzjoni peress li l-ammont jaqbeż id-*direct order*.

**68.4 Tmiem il-laqgħa.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6.15pm.

Konfermati, llum it-Tnejn, 22 t'April 2024.

Saviour Borg
Sindku

f/ Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA